# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil ġimgħa il Cbira u il ġimgħa ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankàl u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall ġid tal Maltin.

Direttur: is Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IT-TLIETA, is-17 TA DICEMBRU, 1912. NRU. 45.

*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu ġid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Il Lsien Malti u il Marocchin

Aħna Maltin u lsienna il malti. Cull meta zeŭġ Maltin jiltakgħu fl'imchien, mkar fl'aħħar tad-dinja, irrid infisser fl'ibgħad artijiet, b'liema lsien jitchellmu, jecc ma jcunux jridu jitchessħu? Bil lsien *tal Mandraġġ*, jgħid il Marchis Ramiro Barbaro, li, bejnietna, bil Malti jaf ŭisk ftit. Bil lsien tal krar, u tal chelma t'Alla, u li bih nitolbu l'Alla cull jum, jgħid Monsinjur Psaila, Canôncu tal Cadidral. F'chelma ŭaħda, bil Malti; il lsien li tchellimna bih dejjem minn kabel ma Cristu ġiè fid-dinja. Għad li biz-zmien dejjem jidħlu fih ftit ftit chelmiet barranin ġodda, actarx ismijiet ta ħŭejjeġ ġodda,(bħalma jiġri fl'ilsna collha tad-dinja), il grammatica ma tbiddlet katt. Il malti, li nitħaddtu bih daz-zmien, għad li ma jakbel għal collox ma ebda ŭieħed mill ilsna li jitħaddtu bihom fil bliet tal artijiet tal Africa u tal Asja li jmissu mal Mediterran, bħal ma huma il bliet tas-Sorija, tal Egittu, ta Trîpli, ta Tunes, tal Argiel, u tal Marocc, jersak bosta, dakka lejn ŭieħed u dakka lejn ieħor; u haŭn min jaħseb li actar ma ŭieħed jitbiegħed minn Malta, seŭŭa lejn il lvant seŭŭa lejn il punent, ix-xebħ ta daŭc l'ilsna mal Malti cull ma jmur jonkos.

Izda m'hux hecc; għaliex, ħaġa tal għageb, l'ilsna, li jixbħu l'actar il Malti, huma daŭc tal artijet li jitbiegħdu l'actar minn Malta, seŭŭa minn naħa tal lvant chemm ucoll minn tal punent. Actarx cullħadd jsemmi ix-xebħ tal Malti mal lsien tal Maroniti tal Libanu, fil Palestina; izda ftit haŭn li jafu chemm hu cbir ix-xebħ tal Malti mal Marocchin.

Is-sena l'oħra, meta cont Londra, darba dħalt f 'ħanut tal cotba kodma. Għajni ŭakgħet fuk ŭieħed bl'Ispanjol biex fuku titgħallem bil Marocchin. Ftaħtu u mill eŭŭel dakka ta għajn ltkajt ma xi cliem malti ŭaħdu. «Merħba bicom.» «Gejt mis-suk». Krajt izjed il kuddiem u sibt bosta cliem ieħor. Biex ma ntaŭŭalhiex, il ctieb xtrajtu u f 'jumejn krajtu collu. Cliem bil malti sibt actar milli ridt. Għaddieli mir-rasi li niġbor cull ma jakbel fil Malti u'l Marrocchin, u nfittex xi jsir minnu dac il cliem, fl'ilsna tal Argiel, ta Tunes, ta Trîpli, tal Egittu u tas-Sorija. Di biċċa xogħol li biex issir chif jmiss trid zmien tŭil.

Meta jsir da'x xogħol, jcun jista' ŭieħed jifhem seŭŭa fiex il malti jersak jeŭ jitbiegħed minn cull ŭieħed minn daŭc l'ilsna. Għal issa jisŭielna nagħarfu għall ankas fejn il Malti jakbel mal Marocchin. Di l'eŭŭel biċċa tax-xogħol lesta. Sejjer noħroġ illum fil *Habib* xi ftit minnu u nitma li il Karrejja jcun jogħġobhom bħal ma għoġob lili meta ctibtu. Ħalli ngħidilcom issa xi ħsibt meta cont nagħmlu, għaliex il ħsieb bħa'ċcirasa; jgħid il Malti: Ŭaħda tiġbed l'oħra. Il lsien malti jakbel mal Marocchin.— Dan l'aħħar fil Marocc marru il Francisi biex jokogħdu hemm għal collox.—Franza nies zejda x'tibgħat hemm ma għandhiex.—Taħt il Francisi fl'Africa il Maltin marru dejjem tajjeb. L'Argiel il Maltin stagħneŭ tmenin sena ilu.—In-nies Malta chibret iz-zejjed. Ħobz għal cullħadd ma haŭnx. Għalecc, m'hux biex nonksu, izda biex ma noctrux izjed, jaħtieġ nsiefru.—Fejn immorru? L'America? L'Aŭstralja? It-Tasmanja? Il Brazil? Għaliex m'hux il Marocc ucoll, li ma hux daks hecc bgħid. Illum għad hemm it-taħŭid; izda zmien tŭil ma jdumx. L'Avucat Ramiro Vadalà, li jħobb il Maltin bħal ħutu, laħak da l'aħħar Sigritariu tal General Francis li jaħchem il Marocc fuk cullħadd. Min jaf, għedt jien, jecc id-Direttur tal *Habib* jibgħatlu da'n-numru, għandux mnejn jgħarrafna jecc minn haŭn u ftit taz-zmien, x'ħin collox jcun miexi seŭŭa, jcunx jakbel li xi Maltin, bdieŭa, jeŭ tal ħŭienet, jeŭ ta xi snajja', jmorru jokogħdu il Marocc għal collox. Billi ŭieħed jistaksi ma jitlef xejn. Mela jalla! Sur Direttur; il *Habib* lis-Sur Vadalà, il Marocc, bla telf ta zmien, u jagħmel Alla!

.........................................................

Ftit mill cliem bil Marocchin li jakbel mal Malti, meħud minn "*Rudimentos del Arabe Vulgar que se habla en el imperio de Marruecos, por el M. R. P. Fr. José Lerchundi—Secunda Edicion, Tanger, 1889.*"

El bajd għâli—El ħobz rħis—Gejt m'is-suk—Gibt el ħobz u el laħam—Bkajt jumejn f 'ir-Rabat, xahrejn f 'il Medina u ġimagħtejn f 'ed Dar el Bajdha—Xi x (t) rajt? — Muddejn (taz-)zaragħ b'il flus—Mnejn ħareġ el chelb el cbir? Ma chênx marbut?—Er-ragel marid — Et-tabib jdeŭŭih—Allah jtaŭŭal għomru—El ġimgħa fiha sebat ajjâm—Cull min ma jacolx jmut. Hedac en-nisrani ferħan—Heda' er-râgel sacran—Et-tifel ez-zagħir—Għandu ħamâma bajdha u ġârna għandu ħaġla cbira—Nhar el ħadd gêt bint es-Sultan? Magħ min gêt? Fejn chênet? Merħba biha—Hedac en-nisrani, li begħtlu es-suf, ħarab mil belt el bêraħ u tilef cull ma cân fi daru—Ez-zeŭġ betteħât ŭiznu ratlejn u ŭkitejn—Minn ŭlâdu ŭaħda ħajjâta, l'oħra għazzâla u l'oħra bakgħet fil ħanut—Għandi għoxrin ŭkija: xi nagħmel bihom? Er-raġel li ġa begħu il kamħ—Kallu chelma ŭaħda kuddiem el bir—Kalli x (t) rajt el ħobz collu li can fis-suk—L'min (għ) tajt el ħâtem? (Għ) tajthu l'oħtoc ez-zgħira—T'min hi di'l ħmâra? El ħmâra u'l bagħla (m) tâgħti—(a) xinhi sengħtu?—Fetaħ el bab u daħal (f) ed-dar—Kal li int cont f 'is-setaħ u li ed-dar collha cânet mgħammra bin-nâs — Ed-deheb (ca) jizen actar mel fidda —Chif int?—Chif sbaħt?—Fejn cont? Cont *(f)* ed-dar?—Hedi ed-dar izgħar minn hedic —Heda' es-suk cbir—Gibt xi ħaġa?—Es-Sultan ŭasal fil beld—Il cbarat ħarġu jilkgħuh—Et-trik dejjka u ez-zenka ŭâsgħa—Kalagħ ħamsa eŭ sitta f 'il mija—Magħ min cont el bêraħ? Ma ħdimtx fin-nhar collu? El bagħla għandha sitta snin—Gibt xi ħâġa mâgħec? Gibt el-lebsa li ħriġt minnha—Itfi hedac en-nar—Kalu el berah fil lejl serku el ħanut u ed-dar li miet fiha (a) ħuc—Allah ja(għ)ticom es-saħħa.

N. TAGLIAFERRO.

## Il Cungress ta Londra

(8)

*Jissocta l'indirizz tal Cardinal Vanutelli Legat tal Papa.*

Aħna, miżmuma minn tant tâma kaŭŭija, nistghu nispiċċaŭ id-discors taghna, billi inghidu, illi dana il Cungress ta bosta nazzjonijet geŭŭa Londra, ma ghandux icollu inkas frott minn qŭalunque ŭieħed ieħor li sar kablu. Oħ, li chiecu aħna, haŭnhecc flimchien miġbura, nistghu naghmlu xi ħaġa f'dana il Cungress, illi biha nerġghu ingibu daŭc iż-żmienijet tal Eŭcaristija, illi tant chienu imsemmija f'dina il gżira tal kaddisin! Oħ, li chiecu aħna f'dan il Cungress inneħħu id-dubji u id-dlamijet collha tal erruri, u indaŭŭru il ghajnejn ta cullħadd lejn id-daŭl tal fidi, lejn dic il fidi, illi biż-żmienijet l'imghoddija, fost collha chemm huma il ħŭejjeġ, hi chienet l'actar ħaġa ghażiża ghall'iskfijet u ghas-slaten, ghas-sinjuri u ghall poplu collu tal Inghilterra!

U x'haŭn aħjar biex tkaŭŭi dina il ghakda tal fidi, mis-Sagrament tal Eŭcaristija, illi, chif ighid Santu Ŭistin, fin-natura tieghu stess hu Sagrament ta pietà, sinjal ta ghakda u rabta ta imħabba? Pietà ħierġa mill'Eŭcaristija, il ghaliex il ħajja collha nisranija tidħol fiha: *Il gisem tieghi, kâl Gesù Cristu, hu il ħajja tad-dinja.* Mil ġdid l'Eŭcaristija tghakkadna ma Cristu, u tatina sehem min-natura divina: *Min jecol mil gisem tieghi ighix fija, u Jena fiħ.* Iżjed, billi l'Eŭcaristija tinbina bl'imħabba t'Alla u tkankal fina l'imħabba tal proxxmu, b'li stess maniera illi chif ighidu il ghorrief ixxemx hi il kalb tas-smeŭŭijet, hecc ucoll dana il Ħobż tas-sema hu il kalb tal ħajja collha nisranija, hu il kalb l'actar ghażiża ta Gesù, illi, flimchien maħħa, mita aħna incunu mghakkda, nieħdu li stess nifs tal ħajja; minn dina il ghakda tal ħajja, illi gejja minn dic il ghakda ta bini tal Cnisja, illi l'Appostlu mar isemmi b'daŭc il chelmiet, mita kâl: *Aħna, ghalchemm ħafna, ninsabu mghakkda gisem ŭieħed fi Cristu.* Dana ucoll ifissru daŭc il chelmiet tal Papa, illi intom tieħdŭ gost terġghu tisimghu imtennija. *Hu tas-seŭ mill'Eŭcaristija*, kalilna, *bħala xmara mil ghajn taħħa illi li spiritu tal ħajja soprannaturali jinsab imxerred fil gisem collu tal Cnisja. Haŭn aħna insibu ghakda illi fiha il membri ta li stess gisem huma mghakkdin flimchien. Hu iċ-centru tal fidi taghna, ŭieħed u li stess ghal cullħadd.*

Fost daŭna iċ-circostanzi, illi fihom biss jistghu isiru ħŭejjeġ cbar, aħna sejjrin nibdeŭ opra tant cbira, li biha nuru lid-dinja collha, l'ictar rigal ghani li Cristu tà lill Cnisja tieghu. Ħalli, immela, aħna nibdeŭ dina l'opra bit-tâma, illi Alla ighinna fixxoghol taghna. Minn daŭna ix-xeni ta pietà liema leħen ma jidhirlix li kieghed nisma, bħala ecu ta dic il fidi ta misserijetna, illi imħabba fl'esempju taħħom, imħabba fil cliem u ix-xoghol, taħħom, mid-demm taħħom ħarget dina il kdusija f'dina l'art tant sabiħa. M'intomx tisimghu intom leħen ta talb fervorus ħiereġ mill'okbra taħħom, jitolbu illi il ghatx tal Eŭcaristia, li ghandu dana il poplu tal Inghilterra, jigi fl'aħħar maktuħ, u li il fidi tal Lvant u tal Punent fuk is-Sagrament tall Eŭcaristija tarġa tigber f'dana il pajjiż, li huma tant chienu iħobbu? Ma naraŭx aħna jitħarrec il ghadam taħħom, meta aħna ingeddu it-tifchira tal fidi antica taħħom? Aħna nafu illi f'daŭc iż-żmenijet, il Cbarat tal Universitajet u l'Imħallfin ta dina l'art, kabel ma chienu jaghmlu xi ħaġa impurtanti, chienu jintakghu flimchien, u mixħutin f'riġlejn l'artal, kuddiem il poplu collhu, chienu jitolbu il Gesù Sagramentat. U ma insibux aħna esempji stess ta slaten, illi tant ħabircu f'dina l'art, biex jibnu cnejjes, iżejjnuhom, jaghnuhom ad unur tas-Sagrament imkaddes? Saħansitra kabel is-sena illi fiha il Papa Urbanu Erbgha baghat f'dana il pajjiż l'ittri Apostolici tieghu, ma insibux jeŭŭilla id-draŭŭa fost il poplu tal Inghilterra, illi joħorġu is-Sagrament bi processjoni solenni mattriekat? Il cbir arciskof ta Canterbury Lanfranc, li rebaħ is-Sultan Berengarju, ħallielna descrizzjoni sabiħa fuk daŭna iċ-cerimoniji.

Oħ, li chiecu il-leħen taghna isamma illeħen taghcom, o Venerabbili Raghajja tal imghoddi; il-leħen taghcom, o Slaten nobbli tal Inghilterra; chif ucoll il-leħen taghcom o Appostli kaŭŭija ta dina l'art, minn Agostinu sa Cuthburt u sal Cardinal Fisher, mis-Sultan Edhelbert sal aħħar Sultan Cattolicu tal Inghilterra! Oh, li chiecu il-leħen taghcom iservi ta incuraġġiment ghan-nisel taghcom, oħ li chiecu dana il-leħen jinstama f'ŭdnejhom, isemmilhom il misteru tal imħabba, u ifaccarhom fil-miraclu tas-sacrificcju tal kuddiesa, illi intom stess offrejtu ll'Alla, jeŭ smajtu, u bosta drabi bid-dmuħ f'ghajnejcom! Oħ, li chiecu il-leħen taghcom baka jinstama fostna u imexxina biex nieħdu mil mejda tat-tkarbin il forza taghna! Oħ, li chiecu nerġghu nisimghu il-leħen taħħom, illi ighidilna flimchien mad-Duttur tal Cnisja il Venerabbli Beda, u tant ghorrief u kaddisin oħra «*Chemm hija ta saħħa ghall'insara collha id-draŭŭa tat-tkarbin ta cull jum.*»

Ħalli, immela, nippruvaŭ, scond il forzi taghna illi nghakkdu dina il catina tat-tradizjoni, nghakkdu il ħolok preziusi ta dina il migemgha sabiħa mal ħolok ta kabel, illi it-tifchira taħħom f'dana il pajjiż, l'ebda żmien ma ghandu il kaŭŭa li imissha.

F'li stess ħin, bħala rahan ta dac il frott li ghandu jingâbar minn dana ix-xoghol taghna, u bħala rahan ta dic il barca li nixtieku mil kalb taghna tinxtered fuk dina il ghażiża Inghilterra u fuk l'artijet collha li hi ticcmanda mad-dinja collha, tinżel il Barca Apostolica tal Papa fukcom ilcoll, u fuk daŭc collha illi hâdu sehem maghcom f'dana il Cungress, Barca illi ghandi l'unur li naticom fl'isem u fl'aŭtorità tal Imkaddes Papa.

(*Jissocta*) Dun Anton Vella, D.D.
*Cappillan ta ħal Luka.*)

## Cunferenza fuk il Ligi Criminal.

(*Jissocta man-numru 44*)

Imma, nistħajjilcom tistaksuni, liema hi, scond il Ligi, l'*ingjurja vaga* u liema hi l'*ingjurja specifica?* .... Ħaġa ħafifa. L'*ingjurja vaga*—l'insolenza—hi mita tghid fuk bniedem cliem jebes, iżda minghajr ma 'ssemmilu fattijet: per esempju, tghajjru *ħalliel, briccun, spjun, laghab, sacran, vagabond, maħmuġ* u ħŭejjeġ hecc (cliem fl'ajru); l'*ingjurja specifica*—malafama—mita 'ssemmilu fatt: per esempju, tghidlu li *serak it-tali ħaġa mit-tali banda* (bħallichiecu li *ħataf lira minn fuk il banc tal botteghin tal Unjoni Cattolica*)—jeŭ li mita chien xhud fil caŭżi tat-tali, ghamel giurament falz—u x'naf jen.

Fl'aħħar nett, irrid infissrilcom li, scond il Ligi, l'*ingjurja*, żghira jeŭ cbira, jigifieri *insolenza* jeŭ *malafama*, tigi dejjem iccundannata, ghalavolja mita ŭieħed icun kâl il verità, jeŭ icun ghamel l'ingjurja fis-sacra, jeŭ icun samaħha minn ħaddieħor u tenniha. L'ingjurja hemm dejjem, mita il Magistrat jidhirlu li min kâlha, kâlha biex iŭaġġa lil dac l'icun.

Issa nghidu chelmtejn fuk il *Prescrizzjoni* u fuk l'*Appelli*, li ghandhom x'jaksmu ħafna mal *ingjurja*, ghax, chif ghedtilcom, jen ghażilt dan l'argument imħabba fiha—u nispiċċaŭ.

Il *Prescrizzjoni* diġà semmejniha b'isem ieħor: il *Prescrizzjoni* hi iż-żmien li ghandna biex nistghu nitolbu sodisfazzjon bil Korti ta xi tort l'icun sarilna. Ghedtilcom *ta xi tort* ghax kieghdin nitchellmu fuk il *Crimnal*: li conna kieghdin nitchellmu fuk iċ-*Civil*, cont nghidilcom *ta xi jedd* jeŭ *ta x'interess*. Imma, biex niftehmu aħjar, nibkghu sejjrin bil *Prescrizzjoni tal ingjurja*.

Il *Prescrizzjoni*, tcun ta tliet xhur, jeŭ ta sena, jeŭ ta sentejn, chif ghażilnihom kabel, tibda dejjem ghaddejja mindu jiġri il fatt, mhux mindu nisimghu biħ. Jigifieri, jecc ŭieħed, per esempju, kâl li jen ħalliel fil bidu t'aŭissu li ghadda u il biċċa ŭaslet f'ŭidnejja illum, jen ma nistax inħarrcu, ghax ghaddeŭ it-tliet xhur; inchella, esempju ieħor, jecc ŭieħed mincom ighidli ħalliel f'ŭiċċi u jen inħarrcu bla telf ta żmien, imma hu jilħak isifirli kabel ma tasallu iċ-citazjoni u ma jarġax jigi Malta sa-chemm ighaddu it-tliet xhur, iż-żmien ighaddi favur tieghu u ma naghmillu xejn.

Imma il *Prescrizzjoni* tista tinchiser u iż-żmien jarġa jibda ighaddi minn ġdid cull mita min icun ghamel l'*ingjurja* jistkarr li ghamilha u cull mita tmurlu carta tal Korti fuk dic l'ingjurja, basta tasal f'idejħ chif trid il Ligi.

L'*Appell* li ghandna haŭn Malta mil caŭżi tal *Crimnal* m'hux ta min jiftaħar biħ. Il Gvern dâm snin cbar ma iridx idaħħal l'*Appell crimnal* fil Ligi; u, imbaghd, daħħlu zopp minn cull-imchien. L'eŭŭel nett, l'*Appell* isir kuddiem Imħallef ŭieħed, mentri imissu isir kuddiem tlieta, bħalma huma l'appelli tal caŭżi tal Krati ta fuk, ghax bniedem jisŭa bniedem: u dac li jakta ŭieħed ma ghandux iŭakkghu ieħor. It-tieni, imissu isir kuddiem tliet Magistrati, bħalma chienu dâri l'appelli taċ-*Civil* tal Krati t'isfel, mhux kuddiem tliet Imħallfin, biex jistghu icomplu jiddefenduħ daŭc li icunu iddefendeŭ il caŭża mill'eŭŭel, ghax bħalhom ma jista icun jaf ħadd il ġrajja collha minn ghankudhom. U, fl'aħħar, imissu icun *Appell Generali*, bħalma hu fiċ-*Civil*, jigifieri li jista jappella cull min jidhirlu li giè mokrus b'sentenza li ħa. Chif tinsab issa il Ligi, min jeħel jista jappella: iżda min ma jirnexxilux iŭaħħal, ma jistax. Dan m'hux seŭŭa: u, biex taraŭ ghaliex, narġghu nitchellmu fuk l'*ingjurja*. Nieħdu esempju: jen nghajjar il ŭieħed mincom b'żeŭġ chelmiet ta semplici *insolenza*, nghidu aħna *nassies, ghiddieb*. Jecc nigi imħarrec u il Magistrat iŭaħħalni imkàr *tmintax irbighei*, imkàr *tŭiddiba li ma narġax*, jen, scond il Ligi, nista nappella! Imma jecc ŭieħed mincom imur ighid jeŭ ighajjarni f'ŭiċċi li giè ghandi biex inserviħ f'caŭża u jen mhux biss inxtrajt u telliftu dic il caŭża ghal tal apposta, imma ċħadtlu carta tal impurtanza li fdâli f'idejja u srakthielu, ghal-chemm tcun malafama cbira, chiecu il Magistrat, jeŭ ghax jidhirlu li ma ghandix provi biż-żejjed, jeŭ ghax ma iridx jemmen ix-xhud tieghi, jeŭ ghax ma jifhemx il caŭża seŭŭa, jeŭ ghax irid jaghmel hecc (ilcoll aħna bniedmin), ifettillu jilliberaħ minn dic l'ingjurja collha, jen, scond il Ligi, ma nistax nappella!

Fiċ-*Civil*, jecc inħarrchec ghal xelinu il Magistrat ma jiccundannacx, nista nappella, ghax fiċ-*Civil* hemm l'*Appell General*; u fil *Crimnal*, jecc inħarrchec ghall'onur tieghi u il Magistrat ma jiccundannacx, jen ma nistax nappella, ghax fil *Crimnal* m'hemmx *Appell General*. L'iċchen interess tal bût stmat actar mill'akŭa onur!

Imm'aħjar niekfghu haŭn ghax inchella ma nafx fejn nibkghu sejjrin. Fuk il Ligi tal

Crimnal nistgħu nagħmlu ħamsin *Cunferenza* u incunu dejjem għadna nibdeŭ. Jen ridt naticom biss bħal ħjel ċchejchen tal actar ħŭejjeġ li għandcom tcunu tafu u nifhem jen li inkas irnexxieli. Iżda, giet chif giet, kabel ma ninfired mincom għandi id-dmir ngħidilcom li il Ligi, togħġobna jeŭ le, jaħtieġ nobduha bil kalb, chif tgħallimna l'eŭŭel nett ir-Religjon Imkaddsa tagħna u imbagħd chif jixrak lil poplu tas-seŭ il-kuddiem fiċ-civiltà, għax inchella, f'lôc il *vera libertà*, li tagħmel hecc cbir il bniedem, icollna dic id-*dissubbidienza* li chellimcom tant tajjeb fukħa bħal llum ħmistax Monsinjur Vigarju. L'Aŭtorità għandha tigi obduta u il Ligi għandha tgħaddi dejjem taħħa. Il Magistrat stess marbut maħħa u ma jistax jillarga pass minnha, inkas mita, forsi, geŭŭa kalbu, iħoss li fiha xi ħaġa ma togħġbux. Il Ligi jagħmluha il bniedmin u il bniedmin m'humiex infallibbli: mela, m'haŭnx, forsi, Ligi fid-dinja bla nicta. Imm'aħna għandna dejjem id-dmir li nobduha, għax jebsa chemm tcun jebsa, Ligi! *Dura lex, sed lex*!

Tagħna, imbagħd, chif igħidu l'akŭa Chittieba geŭŭiena u barranin, hi ŭaħda mill'aħjar *Ligijet Criminali* tal Eŭropa.

Mita ngħidu *il Korti*, jigifieri *il Ligi*: u il kima li natu lill Korti ma 'ncunux natuha lil dac il Magistrat li icun hemm dac il ħin jakta il caŭżi, imma lill Hakk li icun kiegħed jagħmel minn hemm fuk. Għalavolja, forsi, il Magistrat, bħala bniedem, ma icunx jogħġobna għamilu, għandna dejjem natuħ hemm fuk il kima li tmiss lill Ligi.

Mingħajr xejn dubju, ŭara l'Aŭtorità tal Cnisja, tigi dic tal Gjustizzja: u bħalma, per esempju, fil Vigarju u fl'Iskof ma għandniex naraŭ il persuna ta Monsinjur Attard u ta Monsinjur Paċ, imma is-Setgħa Mkaddsa tal Cnisja Cattolica fuk ruħna, u għandna inbaxxu râsna għall Cmandijet li jiġu minn dic is-Setgħa, jecc ma rridux li incunu mifrudin mir-Religjon tagħna bħal fergħa mejjta li tinħasad mis-siġra; hecc ucoll, fil Hakk tad-dinja, ma għandniex naraŭ f'dac il Magistrat li jitla fuk it-tribuna biex jakta il caŭżi il persuna tat-tali Avucat, li, forsi, mita jinżel minn hemm fuk, nistgħu insibuħ bħala bniedem imtabba daksna u actar minn'na, imma fiħ għandna naraŭ is-Setgħa tal Gjustizzja, scond il kima li tmissu bħala Aŭtorità.

Nispiċċa b'dan il ħsieb, li nixtiek nistampaħ fi klubcom: M'hux biż-żejjed li natu għeħ u kima lill'Aŭtorità tal Cnisja u tal Korti, billi nobdu aħna bil kalb collha il Cmandijet taħħom: imma jaħtieġ ngħallmu lil min jaf inkas minn'na chif għandu jistmahom, jobdihom u iħobbhom!

G. Muscat-Azzopardi.

# Dichiarazjoni

## LI TITLOB OHRA.

L'eŭŭel nett, is-Sur *V. C.*, li chiteb articlu ta colonna grassa fil *Malta tagħna*, biex iŭiegeb għal żeŭġ chelmiet li għedna aħna fuk il meŭt tas-Sur Carm Bezzina (Alla jatiħ il Genna), għandu icun jaf, hu min hu, li id-Direzzjoni tal *Habib* ma ticteb katt b'intenzjoni ħażina; u chiecu hu, bi cliem actar educat, bagħat dic id-dichiarazjoni lilna, aħna conna ingibuha fil *Habib* bil kalb collha, biex jaraŭha il Karrejja tagħna, mhux għax hemm bżonn, għax aħna ma għedna xejn minn dac li ŭaħħal f'rasu hu, imma biex nuruħ li ma chellna *ebda intenzjoni ħażina*. Chif jista icollna intenzjoni li noffendu il min ma nafuħx?....

Jecc il familja tas-Sur Bezzina iddispjaciha b'dac li għedna, aħna jiddispjacina ŭisk actar li, mingħajr ma ridna, tajniha dan id-dispjacir: u ngħiduħ minn jeddna, bħala insara u bħala galantomi, għax hecc inħossu f'kalbna u hecc ucoll jixrak lill *Habib*. Imma narġgħu intennu li, mita ctibna daŭc il chelmiet, chellna ħsieb imkaddes f'moħħna, ħsieb ŭisk actar għôli minn dac li tŭebbel biħ is-Sur *V. C.* għalina—mhux il ħsieb li niddubitaŭ mir-Religjon tas-Sur Carm Bezzina u minn chif chien jagħmel id-dmirijet tiegħu ta Cattolicu, ħŭejjeġ li ma chellniex iddritt nindaħlu fihom u chiecu chellna inkas sata jigina id-dubju fukhom, għax aħna u la conna nafu min hu is-Sur Bezzina, u la li hu mil Birgu, u inkas li għandu il familja—imma il ħsieb biss li, mita ŭieħed imut barra minn pajjiżu, fi sptar protestant, forsi ucoll mingħajr ebda Cattolicu ma dŭaru, jista isib-ruħu, contra kalbu, imċaħħad mil għodda t'Alla u midfun f'cimiteru tal protestanti!

L'ebda *misteru*, mela, ma chien hemm fl'articlu tagħna—l'ebda *intenzjoni ħażina*—l'ebda ħsieb li niddubitaŭ mir-Religjon tas-Sur Bezzina u li noffendu il familja tiegħu. Il *Habib* jaħsibha ta *ħabib*—ta ħabib Cattolicu u galantom. U dan il mument ma iħossx ħlief dmir ŭieħed: id-dmir li jitlob il Karrejja tiegħu collha biex ifarrġu bl'orazzjonijet taħħom ir-ruħ għażiża tas-Sur Carm Bezzina u li jati il għomor lill familja tiegħu collha.

### Fiex it-taljan ma jaħbilx mal-malti

*(jissocta man-numru 42)*

Il-pronomi meħmużin accusattivi jsiru dattivi billi jieħdu kbilhom il-consonanti *l*, li hi l-preposizzjoni *lil* imkassra. Ara ĦATAF*ni* u ĦATA*li* (floc ĦATAF*lni*): ĦATF*ec* u ĦATAF*lec*;ĦATF*u* u ĦATAF*lu*; ĦATAF*ha* u ĦATF*ilha*; ĦATAF*na* u ĦATF*ilna*; ĦATAF*com*; ĦATAF*ilcom*; ĦATAF*hom* u ĦATF*ilhom*.

It-tliet pronomi accusattivi tat-tielet persuna, meħmużin ma' verbi, jistgħu jeħimżu magħħom pronom fid-dattiv ta' cull persuna li tcun: u haŭn il-pronom femminil *-ha* jsir *-hie*: ara RA*ha* li b'dattiv issir RA*hieli*, RA*hielec*, RA*hielu*, RA*hielha*, RA*hielna*, RA*hielcom*, RA*hielhom*;—il-pronom maschil *-u*, chif jidher ma' chelma tispiċċa b'consonanti, jeŭ *-h*, chif jidher ma' chelma tispiċċa b'vocali, jsir *-hu*: ara s-singular *serku* u il-plural *serkuh*, li b'dattiv jsiru SERAK*huli* u SERKU*huli*; SERAK*hulec* u SERKU*hulec*; SERAK*hulu* u SERKU*hulu*; SERAK*hulha* u SERKU*hulha*; SERAK*hulna* u SERKU-*hulna*; SERAK*hulcom* u SERKU*hulcom*; SERAK*hulhom* u SERKU*hulhom*; u il-pronom plural jibka' chif icun: ara NADDAF-*homli*, NADDAF*homloc*, NADDAF*homlha*.

Il-provi, li l-pronom accusattiv *-u* maddattiv isir *-hu*, huma daŭc li juruna li għandna nictbu *h* fil pronomi *-ha* u *-hom*, jigifieri:—(1) il-vocali ta' kabel l-aħħar consonanti talverb, li jecc in-hi bla accent nafuha tibka' flocha, meta ŭara dic il-consonanti l-eŭŭel ittra li tersak tcun consonanti, bħalma tibka' meta l-accusattiv jingħakad mad-dattiv: ara SERAK*hieli*, SERAK*homloc*, SERAK*hulna*; u li tgħib meta ŭara dic il-consonanti l-eŭŭel ittra li tersak tcun vocali, bħalma tgħib filplural *serku*, *serkuli*, *serkulec*, *serkulcom*, *serkulhom*, *serkulna* u fis-singular *serku*, *serkec*, *serket*, *serkilna*, *serkilcom*, *serkilha*, *serkilhom*; (2) iż-żeŭġ consonanti *għ* u *h*, li flimchien nafuhom jistemgħu bħal *ħħ*: ara *samagħ*, li b'accusattiv maschil issir *samgħu* (imkassra minn *sâmagħu*) u b'dattiv ma' l-accusattiv issir *samagħhuli*, *samagħhulec*, li jistemgħu *samaħħuli*, *samaħħulec*, bħalma kishom *ħħ* jistemgħu il-consonanti *għh* fil chelmiet *samagħhieli*, *samagħhomli*, *tagħha*, *tagħhom*, *magħha*, *magħhom*.

*(Jissocta)* G. Vassallo.

# ĠMIEL U CRUGHA TAS-SIĠAR.

Illum insemmu ftit fuk xi ħolkien u'l għageb tagħħom: ngħażlu għaldakshecc is-siġar!

Kabel xejn ati dakka ta għajn lejn il ġmiel u il għakal tal għasafar, isma il għana ħelu tagħħom, gib kuddiem għajnejc il gebbieda tal bhejjem f'kabîlhom, aħseb ftit fuk il għamla misluta u fuk ruħħa ta xi annimali u ħares lejn it-tokol u il għamla tal biża ta xi oħrajn, ħares ftit lejn kiegħ il baħar fejn, fil ħimda u fid-dlam, tara jiċċaklak u iżiġġ ħut l'iżjed cbir. Iżda m'hux biss fis-saltna tal annimali aħna naraŭ għeġubijet, imma fis-saltna tas-siġar ucoll!

Il bidu tas-sena, chif igħid Marion, hua bħaż-żernik ta jum sabiħ; il ferħ tar-rebbiegħa ikajjem mir-rkad in-natura immantra u isebbaħ bi ġmiel ġdid lid-dinja 'mneżżgħa mill'id ħarxa tax-xitŭa; ŭiċċ is-sema jarġa jigi f'tiegħu, il chula ticsi ix-xefak collu, in-naħal iżiegħel bil blanzuni tas-siġar, ixxemx mil għoli taħħa titfa ir-raggi tal ħajja, il ħxejjex iħaddru, siġar u ŭard jiċċakalku għan-nifs tal ħajja ġdida, u sa mill'aħħar ħżuż tal ħxejjex ta fuk l'igbla sax-xgħari mimlija ħdura, il ferħ u id-daŭl juru ma cullumchien il ftuħ tar-rebbiegħa, u il bniedem mistgħageb fiħ in-nifsu igħolli il ħsiebijet tiegħu il-fuk u minn kiegħ kalbu igħid:— *Icun imbierec għala dejjem il għerf tal Mulej Alla tagħna*!

U x'icun kattjecc mal ħsieb ta din iċċaklika cbira tan-natura,jissieħeb il ħsieb li tara il ftietak collha tal ħxejjex?..Ma hemmx żeŭġ xorta ta ħxejjex li jimxu fl'istess triek:sa mil ħruġ tal eŭŭel ŭerkat jibdeŭ jatu dheriet ġodda.

Xi siġar ħiemda iżommu moħbija li nŭar tagħħom, oħrajn donnhom m'humiex maħluka ħlief biss għall ġmiel, u juru kuddiem il għajnejn mgħammxa tal bniedem iż-żina li bil ŭisk tilma tal għana u il cburija tagħħom: oħrajn jidhru ucoll ta bixla ŭisk għaklija.

Iżda id-dheriet tal għageb ta leŭnijet u ta tlellix, ta toscu u ta fŭiħa, jinsabu f'li msaġar ta fejn ix-xemx titfa dritt ir-raggi tagħha. Jinħtieġ li ŭieħed jakra ix-*Scene della Natura* ta Humboldt! Hemm naraŭ mad-Demis li il ħajja u il ħdura huma imxerrdin ma cull-imchien. Iz-zcuc tas-siġar collha jidhru ilellxu b'li nŭar, jixxabbtu, jidħlu ġò xulxin u jixxebilcu, bħalma huma il ŭard tal passjoni, il ŭard aħmar li jixxeblec, is-siġra tal bżar, il vanilja ...Xi zcuc cbar, mgħobbija u micsijin b'li nŭar, jidhru ilellxu mil bgħod bħal kaŭsalla, ħomor, ħodor, coħol, sofor u bojod. Fin-naħat tal għadajjar jicbru ferm il ŭerkat taŭŭalin, cbar u sbieħ tal *elicornji*, li minn xi dakkiet jogħleŭ minn 8 sa 10 tixbar jeŭ iżjed, li b'ŭard imżeŭŭak, dakka aħmar jati fl'isŭed u minn xi dakkiet aħmar nar. Zcuc cbar ferm tal *brumelja* li li nŭar taħħa hua bħal spica li jicsi is-siġra minn fuk s'isfel, sa ma tmut, ŭara li tcun għaxet għal ħafna snin, u mbgħad imsabbta mir-riħ taka fl'art bi ħsejjes cbar. Eluf ta xtieli li jixxebilcu ta cull daks, mill'irkak sal eħxen ŭaħda, li minn xi dakkiet icollhom iz-zcuc tagħħom ħoxnin daks coxxa ta bniedem, u li l'injam tagħħom icun jebes u marsus daks iż-żnied,ma dana collu iduru ma siġar oħra u jogħleŭ sal kuċċata tagħhom, fejn jagħmlu ŭard u frott bil għież, mingħajr ma 'l bniedem icun jista jilħakhom.

Oħrajn minn daŭn is-siġar għandhom għamla ŭisk stramba, li ma tistax tarahom mingħajr ma tistgħageb. Il *bassisterji* jinbarmu ma siġra, din is-siġra svinturata tmut, titfarrac u issir trab.... Is-siġra tmut: iżda jibkgħu il ŭakkafiet tal oħra li tinbaram magħha,ħodor u mimlija ŭard,li geŭŭa daŭn il ŭakkâfiet il meŭt tcun għadha tgħerrem is-siġra l'oħra.

Iżda il ġmiel tas-siġar hŭa fil ŭard.

*(Jissocta)* G. Micallef-Goggi.

## Ma dûar il Gżira.

L'eŭŭel nett, xtakna infissru lis-Sur *Fiurett* li il Poeżiji tal *Cuncors* chellhom jinbaghtu lid-Direttur tal *Habib*, mhux lil ŭieħed mill'Imħallfin. Daŭn chellhom biss jaghmlu ħakk mil Poeżiji li iresskilhom kuddiemhom id-Direttur, minghajr ma jaraŭ xejn kabel ma jinkatghu mieghu it-tnejn flimchien. Imbaghd, irridu nghidulu ucoll li *it-tieni* Poeżija tieghu ŭaslet ŭara li chien ghalak iż-żmien, anzi chien diġà intaghta il Premju u chienu diġà inħarku il Poeżiji telliefa collha. U, fl'aħħar, inħabbrulu li, jecc irid hu, il *Habib* igiblu, seŭŭa bil veru isem tieghu u seŭŭa bil lakam jeŭ kaddis ta *Fiurett*, chif joghġbu, *it-tieni* Poeżija li baghat, basta juri-ruħu mad-Direttur.

—Niżżu-ħajr lis-Sur Nutar Alfredu Carbone u lis-Sur Salv Żammit, Agenti haŭn Malta il ŭieħed tal Cumpanija ingliża *The Northern Assurance* u l'ieħor tad-Dar taljana *Fratelli Branca* (Milanu), li ghoġobhom jatuna Almanacc cull-ŭieħed.

—Il Canôncu-Onurarju Dun Ġŭann Porsella P.E.P., is-sena sejjer jarġa jaħdem il Presepju li, darb'oħra, chien ħadem flimchien mal Cavalier Toninu Muscat-Fenech (Alla jatiħ il Genna): dac il Presepju li chienu marru ħal Kormi biex jaraŭħ saħansitra il Gvernatur, l'Iskof, l'Armirall u bosta Cbarat oħra. Nirriccmandaŭ lill Karrejja taghna li ma jibkghux ma jakbżux kabża sa hemm. L'eŭŭel nett, ghax il Canôncu Porsella m'hux Dilettant, imma Artista ta dan ix-xoghol, Artista li chien joghġob bla-kies lill Cavalier Muscat-Fenech; u, imbaghd, ghax il flus li sejjrin jilkalghu bis-soldi miż-żjajjar ta dan il Presepju ghandhom imorru ghal li spejjes cbar tal Cungress Internazzjonali taghna—u ghal hecc, bi ħsieb sabiħ u ghôli, il Canôncu Porsella is-sena ried isemmi ix-xoghol tieghu *Presepju Eŭcaristicu*.

—Niżżu-ħajr lis-Sur Tonin Cremona ta cull-ma chitbilna u tas-setgha li tâna biex niftħu l'ittra tieghu u ŭara li naraŭ ismu ingibuħ taħt is-Sunett. Ghal din il gimgha ma chienx fadlilna ŭisa u id-dieħla irridu ingibu il Poeżija tal *Cuncors*: imma, mbaghd, icun imiss lilu.

—Nafu minn fomm li stess Arci-Iskof li il *Lakgha il cbira* tal Cungress issir tas-Sliema, ghand is-Salesiani, mhux Birchircara.

—Niżżu-ħajr lis-Sur Ġann Dingli, Proprietarju tal *Coronation Library* (strada Vescovo, numru 135) u ħabib ghażiż taghna, li ghoġbu jirrigalana *Taccŭin* grazzjus ħafna.

—Is-Sur Dŭard Galea, bħala Procuratur tal bini tal *Cumpannija tal Erŭieħ Imkaddsa tal Purgatorju* (tal Belt), jilka id-dar tieghu, strada *Cristoforo*, numru 174, sal 21 ta dan ix-xahar, *Offerti* maghluka ghall *chiri* ta tliet *Appartamenti* fi strada *Aquila*, numru 10, u ta mezzanin fi strada *Ospedale*, numru 40. Iżomm, ghall Cumpanija, il jedd li ma jokghod ghal ebda *Offerta*.

—Fuk il *Fiera* li saret fiċ-Circlu tal *Unjoni Cattolica* nitchellmu il gimgha id-dieħla: illum nghidu biss li, imbierca minn Monsinjur Attard, bħala Vigarju tal Arci-Iskof ta Malta, giet miftuħa nhar is-sibt, fl'erbgha ta fuk nofs in-nhar, ŭara *Discors* ċchejchen tal President Lanzun, li nixtieku nistghu 'ngibuħ chelma b'chelma, ghax jisŭa mitklu deheb, mill'Onurabbli Controllur Pace-Bardon, bħala Cap tal Carità f'daŭn il Gżejjer. Min jaf aħjar minnu x'in huma il bżonnijet tal ħaddiema u tal fokra?....

—Ghad li fuk kalbna, fl'aħħar mument chellna innakksu ħafna mill'*Aħbarijet ta Barra*.

Mil Lucerna tal Ħajja.—37 Xhieda ta indiema tajjba huma il ħarba ta fejn dari cont taka fid-dnub u it-tisŭija tal ħsarat li tcun ghamilt.

## Ma dûar id-dinja.

*Turchija*—Ghalchemm li Stati tal Balcani iffirmaŭ l'armistizju sabiex icunu jistghu ighakkdu il paci mat-Turchija, il Grecja, li ma iffirmatux, bakghet tcompli il gŭerra. Hi infatti bil flotta taħħa ħabtet tibbombarda il belt Ġannina.

Ħames bċejjeċ tal gŭerra dehru ucoll kuddiem id-Dardanelli, bħala theddida.

Is-Serbja, il Montenegru u il Bulgarja, chemm ucoll it-Turchija ghażlu id-deligati taħħom ghall conferenza tal paci, u ġà collha telku ghall Londra, fejn ghandha tcun il lakgha, li fiha tieħu parti ucoll il Grecja, ghax fl'aħħar siegha, chif ighidu, sejjra tiffirma hi ucoll l'armistizju.

Il Grieghi tal gżira Symi meħuda mit-Taliani lit-Turchija, ghamlu lakgha fil Cnisja ta San-Ġŭann, fejn iddichjaraŭ li huma jappartienu lill Grecja u gharrfu dan lill Gvern Taljan, hedduħ li jecc hu iħalli it-Toroc jinżlu fl'art taħħom huma iduru contra li stess Taljani u ŭisseŭħ ucoll li ġà jinsabu elf ruħ armati taħt il cmand ta kassis minn Creta.

Il Montenegrini, billi it-Toroc chisru l'armistizju, iddichjaraŭ Scutari barra mil condizzjonijet, u f'Tarabosc attaccaŭ it-Toroc li tilfu ŭisk.

*Inghilterra* — L'Armiral Sir Francis Bridgeman, l'eŭŭel Lord tal Armiraljat, irtira mis-servizz, giè mgholli Gran Cruċ tal Banju u minn f'lôcu ġiè maghżul l'Armirall Princep ta Battemberg.—Il Ministru Churchill ighid li l'Armirall Bridgeman ħalla l'ufficcju tieghu, ghax ŭisk marradi, iżda oħrajn ighidu li hu ħalla ghaliex ma chienx jiftiehem mieghu fil Politica.

Xjoperu ġdid infexx fost in-nies tal ferrovija, u kieghed jaghmel ħsara cbira l'Inghiterra—ghaliex jippretendu li ŭieħed minn sħabhom giè iccundannat mil Magistrat bħala sacranazz, u imchecci mis-servizz bla ħtija.—Minn Londra inbghat Magistrat ieħor, sabiex jarġa jeżamina il fatt u hecc jicqŭieta daŭc in-nies li ilcoll jarġghŭ imorru ghaxxoghol taħħom. L.M.C.G.

## Otello.

Nhar il Ħand, 8 ta Dicembru, il Cumpanija *La Concordia* tât fiċ-Circulu tal *Unjoni Cattolica* dan il cbir Dramm ta Shakespear, migjub bil Malti ŭisk tajjeb minn A. Adam. Chif jixraklu, dan id-Dramm ghadda lill'oħrajn collha minn collox: minnies, mil lbies, mil precisjoni tax-xoghol, mid-dmir tal Atturi.

Fuk in-nies nghidu biss illi il cbira sala ma ŭesghetx iżjed u bosta bakghu bla biljett ghax talbuħ tard; fost in-nies, imbaghad, il biċċa il cbira chienu ta grad ghôli fis-Società.

Il lbies tal Atturi chien verament sabiħ, ghalavolja xi uħud minnhom, bħall Otello u Desdemona, biddlu erba' darbiet ma tûl id-Dramm.

Ix-xeni (specjalment is-*Sala*), maħdumin tajjeb ŭisk minn Mastru Ninu Fenech, il landier ta strada Santa Lucija; u il meccanizmu taħhom, specjalment fil Prologu u fl'aħħar att, li hu il ghakda ta collox, tasseŭ ta min ifaħħaru u jati prosit lis-Sur A. Argento li tant tħabat biex jirnexxi.

L'Atturi ghamlu collha dmirhom ŭisk tajjeb; iżda biex ma incunux tŭal ma nistghux insemmu ħlief il principali, cioè Brabanzju, Otello, Jago, id-Doge u Desdemona.

Is-Sur G. Mercieca ghamel ta missier Desdemona fil parti tas-Senatur Brabanzju u chien f'lôcu ŭisk, specjalment kuddiem id-Doge, meta jiċħad bil corla il bintu.

Otellu, is-Sur Argento, issupera tabilħakk lilu in-nifsu, specjalment fil Prologu fir-raba u fil ħames att, fejn irid jaghmel tant attenzioni, taħt l'eccitament li icun jinsab fiħ.

Jago, is-Sur L. Scicluna, chien veru Jago fil parti difficultusa tieghu u gharaf iżomm dejjem, mil bidu sal aħħar, dic il calma tant necessarja ghal min irid inassas u ma jurix il velenu ta kalbu.

Id-Doge, is-Sur C. Cremona, chellu parti żghira, imma ghamilha bil ghakal tas-seŭ.

Desdemona, illi nistghu insejjħulha l'eroina tad-Dramm, ghad-delicatezza ta azzjoni li ghandha, chien is-Sur Oreste Cumbo u irnexxielu verament bil prattica u bil ħila cbira li ghandu illi f'xi punti ibicchi il cullħadd, specjalment fit-tielet, ir-raba u iżjed fil ħames att.

Tajjeb ucoll Cassju, is-Sur G. Dimech; Rodrigu, is-Sur E. Camilleri; Montanu, is-Sur E. Cremona; u Emilja, is-Sur A. Borg. Tajjeb cullħadd u natu prosit chif imiss lill brava cumpanija *La Concordia* tas-success cbir li ghamlet fi dramm hecc difficili u delicat.

Chif spiċċa l'aħħar att, ir-*Reviżur* tal produzjonijet teatrali fl' *Unjoni Cattolica*(*) fiehem lin-nies presenti illi l'*Otello*, ghalchemm fiħ ħafna ħŭejjeġ ta min jistmerrhom, fiħ ucoll scola, cioè moralità ŭisk cbira u sabiħa ghal min iħares chif spiċċat ħajjitha Desdemona, ghaliex iddisprezzat il missierha; ghal min iħares lejn *Otello*, chif ŭera-ruħu salvaġġ ghat-tnassis li ghamlulu, ghaliex, ta Gharbi li chien, ma chellux dac id-daŭl illi ir-Religjon ta Gesù Cristu tati fil momenti taddifficultà, biex naghilbu cull passjoni; ghal min iħares lejn Jago u jara ftit fukhiex in hi poġġjuta id-dinja, cioè fuk it-tnassis u l'ipocrisija. Cullħadd ħa pjacir cbir f'din issabiħa u utili lezzjoni u applaŭda chemm felaħ. Verax.

(*) Ir-Reviżur ta cull-ma isir fit-teatrin tal *Unjoni Cattolica* hu Monsinjur Canonicu Gaŭci: u, ghad li hu mghobbi bix-xoghol ta Segretarju General tal Iskof, bil Catedra tal Latin fis-Seminarju, bid-dmirijet li ghandu il Liceo, bil Côr, bil Pulptu, bil Krar tas-Sorijet f'li Stituti tal Carità u b'mit taħbit ieħor, ma tghaddix lejla li ma imurx idur bid-Dilettanti tal *Unjoni* u jakra maħħom il produzzjonijet li icollhom jaghmlu, biex cull-ma isir minnhom jifliħ b'rekka cbira.

Id-Direzzjoni.

**Unjoni Cattolica "San Giusepp".**
Nhar il ħadd li gejj
22 tax-xahar, fit-8 ta bil lejl
ĠANNA DARC—dramm b'erba' atti.

Franciscu Galea,
tfajjel ta tmin snin u nofs, miet, ŭara marda tŭila, ir-Rabat ta Ghaŭdex, nhar il ħamis li ghadda—jeŭ, biex nghidu aħjar, ghalak ghajnejħ ghal din id-dinja u fetaħħom fl'oħra, fejn, daks chemm chien tŭajjeb fil milja tal ħajja u marbut mar-rieda t'Alla fuk issodda tal meŭt, nittamaŭ li kieghed diġà fis-serħ tal Genna.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.
## XARADA.

Ixrob *l'eŭŭel*: u l'articlu
malti bl'*ieħor* dejjem sib:
chif bit-*tielet* ghandec tiċħad,
hecc minn basla r-*raba* gib.
Chemm ighanni u chemm ilablab;
*collu f'salt*, fl'ajru u fil krib.

Ginu.

L'aħħar X'Jen?, chien:
Rixa.

Ma giebuħx ħlief ir-Reverendu Canonicu Dun Salv Tartaglia, mil Belt, u is-Sur Dŭardu Grima, minn San-Laŭrenz ta Ghaŭdex.